**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Distrett: Rahal l-Gdid**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs.**

**Muhger Addalla**

**Mohamed Hamid**

**Harun Madwi Haruun**

**Abdalla Mohammed Mohammed**

**Hashi Abdul Rahman**

Illum it-18 ta' Frar 2021

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputati li tressqu taht arrest lil:

**Muhger Addalla** ta' 17 il-sena iben Hassan u Hawa Wasi, imwieled nhar l-01 ta' Jannar 2003 gewwa North of Darfour, Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20O-052

**Mohamed Hamid** ta' 21 sena iben Osman u Aza Harm, imwieled nhar l-04 ta' April 1999 gewwa Abubish, Chad, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20O-056

**Haruun Madwi Haruun** ta' 21 sena iben Ahmed u Kubra Bushara, imwieled nhar it-02 ta' Frar 1999 gewwa South of Darfour, Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20O-065

**Abdalla Mohammed Mohammed** ta' 17 il-sena iben Abdalla Mohammed u Nurit, imwieled nhar l-01 ta' Jannar 2003 gewwa Asmara, Eritrea, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20H-036

**Hashi Abdul Rahman** ta' 15 il-sena iben Muhammed u Aisa, imwieled nhar l-01 ta' Mejju 2005 gewwa Mogadishu, Somalia, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20Z-192

Akkuzati talli nhar it-18 Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar

minn 2,500 Euro (€5,500) ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliejhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħasru dak li ħaddieħor kun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

5. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi w dan bi ksur tal-artikolu 42 *(d)* tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputati fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputati separatament u individwalment wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom u wissiethom solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlhom zmien bizzejjed sabiex jergghu' jikkonsultaw ma l-avukat taghhom u jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Rat li l-imputati regghu tennew u kkonfermaw l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputati il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputati.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni taghhom, l-imputati effettivament mhumiex ħatja tar-reati addebitati lilhom. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda kollha li xehdu u d-dokumenti esebiti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali dwar il-piena fl-istess udjenza tal-14 ta' Jannar 2021.

[1] Folio 8-12 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt tal-kaz fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar it-18 ta' Settembru 2020 meta gie rapportat lill-pulizija li persuni detenuti gewwa c-centru tal-Hal-Safi harbu minn fuq il-post. Illi qabel ma harbu l-imputati kkazaw hsara fic-centru billi bdew iwaddbu gebel, knatan, hadid u oggetti ohra li gew ghal idejhom bil-konsegwenza li kkagunaw hsara fil-post.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilhom, u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghhom.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti.

1. Il-fedina penali ta' l-imputati hija netta, ghalkemm din tirifletti biss iz-zmien li ilhom Malta.

2. L-amissjoni ta' l-imputati. Din l-amissjoni saret fil-mori tas-smiegh tal-kawza. Ghalkemm ma saritx fl-iktar stadju bikri tal-procedura xorta saret f'stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata li l-amissjoni hija attenwanti a favur l-imputati fic-cirkostanzi tal-kaz.

3. L-imputat Muhger Addalla u Abdalla Mohammed Mohammed ghandhom sbatax (17) il-sena u l-imputat Hashi Abdul Rahman ghandu hmistax (15) il-sena u kienu ghadhom minuri fiz-zmien tar-reat u ghalhekk fil-kaz taghhom rrid jigi kkunsidrat li dawn kienu ghadom minuri meta wettqu r-reat.

4. Id-difiza ta' l-imputati ghamlet referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Atasha Atekwarki et**[2] fejn il-Qorti kienet ikundannat lill-imputati ghall-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija kull wiehed ghal-istess reat u cirkostanzi. Ghalhekk il-Qorti giet mistiedna tikkunsidra piena simili.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 42(d), 68(2), 68(3), 338(dd), 338(ee), 325(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u fil-konfront ta':

**Mohamed Hamid** u **Haruun Madwi Haruun** tikkundannhom prigunerija ta' tlettin **(30)** xhar effettivi, kull wiehed individwalment u separatament, minn liema ghandu jigi mnaqqas dak skontat taht arrest preventiv; u lil

**Muhger Addalla, Abdalla Mohammed Mohammed u Hashi Abdul Rahman,** in vista ta' l-eta' tenera taghhom u wara li rat l-aritkolu 37(2) tal-Kodici Kriminali tikkundannhom prigunerija ta' tmintax **(18)** il-xhar effettivi, kull wiehed individwalment u separatament, minn liema ghandu jigi mnaqqas dak skontat taht arrest preventiv.

[2] Qorti tal-Magistrati (Malta); Magistrat Dr. Ian Farrugia, 2 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti wara li rat it-tielet proviso ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali tordna lil-hatja ihallsu multa ekwivalenti ghall-hsara li saret fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) lill-Gvern ta Malta, b'dan li kull hati ghandu jhallas individwalment u separatament multa ta' hames mitt Euro **(€500)** rapprezentanti wiehd minn hamsa (1/5th) tas-sehem individwali.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hatja ihallsu lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fis-somma komplessiva ta' mitejn, tmienja u tlettin Euro u disghin centezmu (**€238.90**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert PC 1331 Darren Debattista fl-ammont ta' €238.90

b'tali mod li kull hati ghandu inhallas individwalment u separatament l-ammont ta' seba' u erbghin euro u tmienja u sebghin centzemu **(€47.78)** rapprezentanti wiehed minn hamsa (1/5th) sehem ta' l-ispejjez.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Frar 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**